MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1208/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Dynamicsixes Limited (C-43117)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf mitejn u tnejn u ghoxrin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1222.85) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 2133 6409 skont kif jirrizulta mid-dokument anness mat-talba mmarkat Dok A.

Illi s-socjeta' konvenuta giet nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, izda l-istess socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mill-10 ta' Settembru, 2008 kontra s-

socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-s-socjeta' konvenuta naqset milli tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-24 ta' Gunju, 2011 mill-PL Noel Scerri u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset milli tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta konvenuta naqset milli tipprova 'l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------